**QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMHALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 1 ta' Dicembru, 2016

Rikors Kongunt Nru : 264/16 AL

**AB**
**u**
**CB**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors kongunt illi gie ikkonfermat bil-gurament miz-zewg rikorrenti, li permezz tieghu ippremettew:

Illi AB u CB izzewwgu fit-tlieta (3) ta' Awwissu tas-sena elf disa' mija sitta u disghin (1996) gewwa l-Ingilterra, liema zwieg gie sussegwentement registrat f'Malta permezz ta' l-Att taz-Zwieg Numru 1971/2000, mil-liema zwieg il-partijiiet ma kellhomx tfal;

Illi AB u CB sseparaw legalment minn ma' xulxin u dana in virtu ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Dr.James Grech datat wiehed u ghoxrin (21) eta' April tas-sena elfejn u sittax (2016), kopja hawn taht annessa u mmarkata bhala Dok. A;

Illi ai termini ta' l-istess kuntratt ta' separazzjoni, paragrafu numru wiehed (1), il-partijiet iddikjaraw illi huma kienu ilhom separati de facto minn ma' xulxin sa mit- tlettax (13) ta' Novembru tas-sena elfejn u hdax (2011), u ghaldaqstant kienu ilhom diga aktar minn erba' snin separati de facto minn ma' xulxin qabel ma gie redatt il-kuntratt ta' separazzjoni hawn anness;

Illi ai termini ta' l-istess kuntratt ta' separazzjoni gie dikjarat mill-partijiet f'paragrafu numru erbgha (4) illi huma reciprokament irrinunzjaw mid-dritt li jitolbu u/jew jircievu manteniment minghand xulxin u kwindi ma hemm l-ebda kwistjoni ta' manteniment bejn il-partijiet;

Illi ma jezizti l-ebda prospett ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet, stante li l-partijiet it-tnejn illum ghandhom il-hajja privata taghhom separata minn xulxin;

Illi ghalhekk jissussistu l-elementi kollha sabiex jigi akkordat d-divorzju skond l-Artikolu 66B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Talbu li din il-Qorti joghgobha :

1. Tippronunzja l-hall taz-zwieg ta' bejn il-partijiet AB u CB b'divorzju u dana ai termini ta' l-Artikoli 66A et seq tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fiz-zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Rat id-dokumenti kollha li gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tat-13 ta' Lulju, 2016;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielhom jissodisfaw ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ippruvaw illi ilhom legalment separati mill-21 ta' April tas-sena 2016, izda ilhom de facto separati mit-13 ta' Novembru tas-sena 2011;

Illi l-Qorti rat illi r-rikorrenti ippruvaw ukoll illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' hlas ta' manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet  fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.